MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 1564/2003

**Mallia Mary, Dr Grima Joseph, Nielsen Anna Gulia Juul, Grima John**

**Vs**

**Frendo Emanuel**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta’ Awissu 2003 fejn l-atturi talbu sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm800 (tmien mitt Lira Maltin) dovuti bhala arretrati ghal-okkupazzjoni tal-fond “Razzett l-Ghasel”, Triq il-Wied, Qormi.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Illi l-konvenut kien jokkupa l-fond “Razzett l-Ghasel”, triq il-Wied, Qormi propjeta` tal-atturi u bi hlas ta’ mitejn lira maltin (Lm200) fis-sena li kienu jithallsu f’Settembru ta’ kull sena bil-quddiem;

Illi l-konvenut irrilaxxa l-pussess tal-istess razzett;

Illi l-konvenut baqalu bilanc ta’ Lm800 li ghandu jhallas lill-atturi;

Illi minkejja li l-konvenut gie interpellat biex jhallas dawn l-arretrati huwa baqa` inadempjenti;

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi in linea preliminari, l-atturi iridu jipprovaw illi huma intitolati li jitolbu l-hlas tas-somma pretiza minnhom fil-proceduri odjerni.

Illi in linea preliminari ukoll, l-atturi iridu jindikaw is-snin illi ghalihom qed tintalab is-somma pretiza.

Illi minghajr preguduzzju ghas-suespost u fuq il-meritu, t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-konvenut ma ghandu jaghti xejn lill-atturi.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi originarjament it-talba attrici kienet saret ghas-somma ta’ tmien mitt lira Maltin (Lm800), pero’ fil-mori tal-kawza giet prezentata nota fis-seduta tad-19 ta’ Ottubru 2004, fis-sens illi t-talba attrici giet ridotta ghas-somma ta’ mitejn lira Maltin (Lm200). Ghar-rigward ta’ din is-somma jekk hijiex dovuta jew le, xehed il-konvenut fis-seduta ta’ l-24 ta’ Novembru 2005 fejn hu allega illi kien hareg mill-post u ghadda c-cwievet lill kompraturi ta’ l-istess razzett minnhu precedentament okkupat.

Di fatti konsulent legali tieghu, Dr Desira kien hallas dak minnhu dovut sas-sena 2001, pero’ baqa xorta wahda din l-pendenza. F’ dan is-sens gie esebit Dok JM2 a Fol sitta

u ghoxrin tal-process. Vera li mhux iffirmat pero` jirrisali ghat-12 ta' April 2000, fejn il-konvenju nbiegh lil terzi persuni li kienu se jakkwistaw ir-razzett li kien okkupat mill-konvenut kien qed jigi estiz sat-12 ta' April 2001. Fix-xhieda tieghu l-konvenut stqarr illi hekk kif gie nfurmat illi r-razzett kien gie mibjugh fuq konvenju huwa ghadda c-cwievet lill-istess persuni prospettivi u zgombra mill-istess. Dan meta l-konvenju kien diga ffirmat prezentament. In vista illi l-konvenut kien qed jallega li ma kien dovut xejn lil atturi ghax kien affettwat pagament, gew invertiti l-provi. Da parti taghhom l-konvenuti ma resqu l-ebda provi in sostern ta dak minnhom pretiz.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi l-konvenut irnexxielu jipprova fuq bilanc ta' probabilita illi huwa effettivament mhux debituri ta' l-attur da parti taghhom. L-atturi ma resqux biex jippruvaw l-allegazzjoni tal-konvenut l-anqas resqu l-ebda provi u ghalhekk ix-xhieda u l-provi tal-konvenuti jistoqilhom li tigi akkordat. Fic-cirkostanzi allura t-Tribunal jiddeciedi billi jichad t-talbiet attrici, jilqa l-eciti tal-konvenut u in vista tal-kaz l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------